**30 ta' Jannar, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Mario Bonnici u Anthony Bonnici

## Xhieda – Inġunzjoni – Nuqqas ta' Dehra

*Meta xhieda, debitament inġunti, ma jidhrux, il-Qorti għandha tipprovdi għall-apparizzjoni tagħhom permezz tal-provvediment opportun u mhux tgħaddi għas-sentenza bla ma tismagħhom.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputati talli fid-29 ta' Lulju, 1990 għall-ħbata tal-11.45 a.m. f'Tarxien kisru l-paċi pubblika u l-buon ordni b'għajat, storbju, ġlied jew mod ieħor; (b) ħebbew għal John Mary Gafà u Rita Gafà u kkaġunawlhom feriti ta' natura ħafifa kif iċċertifika Dr. Schembri Wismayer M.D. mill-*Paola Polyclinic;* (ċ) ikkaġunaw ħsara fil-Van Numru H – 3346 għad-detriment ta' John Mary Gafà;

Rat is-sentenza tal-5 ta' Settembru, 1991 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet hekk:

"Ikkunsidrat illi mill-kompless tal-provi għaldaqstant ma rriżultawx il-fatti dedotti fl-akkuża u tillibera lill-imputati minnha";

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza, u wara li tisma' l-provi mill-ġdid inklużi John Mary Gafà u Rita Gafà, issib lill-imputati appellati ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħhom u tgħaddi biex tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti l-oħrajn, u tikkunsidra illi:

1. L-aggravju ta' l-appellant huwa li l-ewwel Qorti ma setgħetx tgħaddi għas-sentenza mingħajr qabel tisma' l-provi

kollha tal-prosekuzzjoni;

2. Mill-verbali rreġistrati mill-ewwel Qorti jirriżulta li quddiem dik il-Qorti ma ġew prodotti ebda provi. Fl-aħħar seduta dik tal-5 ta' Settembru, 1991 ġie rreġistrat dan: "John Mary Gafà u Rita Gafà debitament inġunti msejħin tliet darbiet ma dehrux. Il-prosekuzzjoni ma għandhiex provi aktar **għal-lum;**

3. Dan il-verbal jindika kjarament li l-prosekuzzjoni kienet għamlet id-dover tagħha billi ħarrket ix-xhieda, u li kienet qiegħda, almenu impliċitament, titlob li tipproduċihom;

4. L-ewwel Qorti ma setgħetx tiddeċidi l-kawża, kif fil-fatt għamlet, f'dik l-istess ġurnata bla ma tisma' x-xhieda in kwistjoni. Kellha tipprovdi għall-apparizzjoni tagħhom permezz tal-provvediment opportun, u tiddeferixxi l-kawża għall-provi li kien fadal. Il-provi offerti mill-prosekuzzjoni ġew miċħuda, bir-rispett kollu, inġustament;

Għalhekk tilqa' l-ewwel parti ta' l-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata, u tiddeferixxi l-kawża għall-provi kollha għas-17 ta' Marzu,, 1992.